ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 361

Edizzjoni bil-Malti

Volum 56

11 ta' Diċembru 2013

## Informazzjoni u Avviżi


| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
|---|---|---|
| | II *Komunikazzjonijiet* | |
| | KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA | |
| | **Il-Kummissjoni Ewropea** | |
| 2013/C 361/01 | Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet [1] | 1 |
| | III *Atti preparatorji* | |
| | L-INIZJATTIVI TAL-ISTATI MEMBRI | |
| 2013/C 361/02 | L-inizjattiva tal-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Isvezja għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Deċiżjoni 2005/681/ĠAI li tistabbilixxi l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) | 4 |


MT

Prezz:
EUR 3

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2013/C 361/03 Rata tal-kambju tal-euro ........ 6


V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2013/C 361/04 Sejħa għal proposti skont il-programm ta’ ħidma annwali għall-2013 għal għotjiet fil-qasam tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) għall-perjodu 2007-2013 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 1029 kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 8744) ........ 7

2013/C 361/05 Sejħiet għal proposti skont il-programm ta’ ħidma pluriennali għall-2013 għal għotjiet fil-qasam tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) għall-perjodu 2007-2013 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 1675 kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 8755) ........ 8

2013/C 361/06 Sejħiet għal proposti u attivitajiet relatati taħt il-programmi ta’ ħidma 2014-2015 taħt l-inizjattiva Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u taħt il-Programm ta’ Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkumplementa l-Orizzont 2020 ........ 9


ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2013/C 361/07 Pubblikazzjoni ta’ applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ..... 10

2013/C 361/08 Pubblikazzjoni ta’ applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill dwar l-iskemi tal-kwalità għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel 13


MT

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE

**Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 361/01)

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 6.11.2013 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.32712 (11/N) |
| Stat Membru | Spanja |
| Reġjun | Il-Galicia |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Ayudas dirigidas a compensar los daños causados por el temporal ocurrido en Galicia los días 8 y 9 de noviembre de 2010, que hubiesen afectado a embarcaciones con puerto base en Galicia y a artes y aparejos calados o depositados en puertos de la Comunidad Autónoma. |
| Il-bażi legali | Orden de 13 de enero de 2011, por la que se regulan las bases para la concesión de ayudas dirigidas a compensar los daños causados por el temporal acaecido en Galicia los días 8 y 9 de noviembre de 2010, que afectasen a embarcaciones con puerto base en Galicia y a artes y aparejos calados o depositados en puertos de la Comunidad Autónoma. |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Kumpens għall-ħsara li ġarrbet minn impriżi fis-settur tas-sajd fir-reġjun tal-Galicia wara t-tempesta "Becky" li ħabbtet mal-kosta tal-Galicia nhar it-8 u d-9 ta' Novembru 2010. |
| Il-forma tal-għajnuna | Sussidju dirett |
| L-estimi | EUR 0,06 miljun |
| L-intensità | 100 % |
| It-tul ta' żmien | — |
| Setturi ekonomiċi | A301 – Is-sajd |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Consejera del Mar<br>Calle San Caetano s/n, bloque 5, 2ª planta<br>15781 Santiago de Compostela (A Coruña)<br>ESPAÑA |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm

---

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 6.11.2013 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.33346 (13/NN) |
| Stat Membru | Il-Pajjiżi l-Baxxi |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Onderwijsprojecten kleinhandel |
| Il-bażi legali | Bestemmingsheffingsverordening conform artikel 7 van het Instellingsbesluit Productschap Vis (Staatsblad 2003, nummer 253) gebaseerd op artikel 126, eerste lid, van de Wet op de bedrijfsorganisatie (wet van 27 januari 1950 gepubliceerd in Staatsblad K 22, laatste wijziging is met ingang van 1 januari 2011 in werking getreden welke is gepubliceerd in Staatsblad 2010, 840). |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | L-għan tal-miżura huwa li tgħin fil-ħlas tal-ispejjeż tal-programmi ta' informazzjoni u edukazzjoni favur is-settur tal-bejgħ tal-ħut |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | Id-dħul annwali ġġenerat mill-imposta jvarja u jiddependi mill-fatturi li ġejjin:<br>— Ir-rata reali li tiġi applikata, li tista' tvarja bejn 0 u l-livell massimu (il-limitu stabbilit);<br>— L-għadd ta' punti tal-bejgħ u operaturi, li jista' jvarja; u<br>— Il-baġit annwali għall-attivitajiet li jibbenefikaw is-settur tal-bejgħ tal-ħut. Il-livell tad-dħul ibbaġittjat huwa stabbilit abbażi ta' valutazzjoni tal-attivitajiet li jkunu se jitwettqu fis-sena kkonċernata.<br>L-ogħla rata tal-imposta attwalment hija stabbilita għal EUR 49,92 fis-sena għal kull bejjiegħ/punt tal-bejgħ. |
| L-intensità | Ir-rikavati tal-imposta jvarjaw minn sena għall-oħra u jiddependu fuq ir-rata applikata. Għaldaqstant, l-intensità tal-għajnuna tvarja kull sena; skont ir-rata applikata, tista' tvarja bejn iż-0 % u l-limitu massimu ta' 100 %. |
| It-tul ta' żmien | Sat-2 ta' Awwissu 2022 |
| Setturi ekonomiċi | Is-sajd fl-ibħra |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Productschap Vis<br>Postbus 72<br>2280 AB Rijkswijk<br>NEDERLAND |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm

---

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 6.11.2013 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.33347 (13/NN) |
| Stat Membru | Il-Pajjiżi l-Baxxi |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Onderwijsprojecten aanvoersector |
| Il-bażi legali | Bestemmingsheffingsverordening conform artikel 7 van het Instellingsbesluit Productschap Vis (Staatsblad 2003, nummer 253) gebaseerd op artikel 126, eerste lid, van de Wet op de bedrijfsorganisatie (wet van 27 januari 1950 gepubliceerd in Staatsblad K 22, laatste wijziging is met ingang van 1 januari 2011 in werking getreden welke is gepubliceerd in Staatsblad 2010, 840). |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | L-għan tal-miżura huwa li tingħata għajnuna għall-ħlas tal-ispejjeż tal-programmi ta' edukazzjoni u informazzjoni favur is-settur tal-provvista tal-ħut |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | Id-dħul annwali ġġenerat mill-imposta jvarja u jiddependi mill-fatturi li ġejjin:<br>— Wieħed minn kull elf tal-valur tal-ħut li jipprovdi l-fornitur;<br>— EUR 0,03 għal kull tunnellata ta' maskli li jipprovdi l-fornitur; u<br>— Għall-fornituri tal-gambli, EUR 0,10 għal kull kilogramma ta' gambli bil-qoxra u EUR 0,30 għal kull kilogramma għall-gambli mqaxxra. |
| L-intensità | Ir-rata annwali massima tal-imposta applikabbli għall-fornitur individwali tista' tvarja skont l-ammont ta' ħut li jipprovdi |
| It-tul ta' żmien | Sas-26 ta' Settembru 2022 |
| Setturi ekonomiċi | Is-sajd fl-ibħra |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Productschap Vis<br>Postbus 72<br>2280 AB Rijkswijk<br>NEDERLAND |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm

III

*(Atti preparatorji)*

# L-INIZJATTIVI TAL-ISTATI MEMBRI

## L-inizjattiva tal-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Isvezja għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Deċiżjoni 2005/681/ĠAI li tistabbilixxi l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL)

(2013/C 361/02)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 87(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-inizjattiva tal-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Isvezja, [1]

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI li tistabbilixxi l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL), is-CEPOL għandu s-sede tiegħu fi Bramshill, ir-Renju Unit.

(2) Permezz tal-ittri tat-12 ta' Diċembru 2012 u tat-8 ta' Frar 2013, ir-Renju Unit informa lis-CEPOL li ma jixtieqx jospita aktar is-sede fit-territorju tiegħu. Minbarra li jospita lis-CEPOL, Bramshill jospita wkoll is-sit nazzjonali tat-taħriġ tal-pulizija tan-National Policing Improvement Agency (Aġenzija Nazzjonali għat-Titjib fil-Korp tal-Pulizija) li r-Renju Unit iddeċieda li jissostitwixxi b'College of Policing (Kulleġġ tal-Korp tal-Pulizija) ġdid li għandu jkollu s-sede xi mkien ieħor. Għaldaqstant, ir-Renju Unit iddeċieda li jagħlaq is-sit nazzjonali tat-taħriġ tal-pulizija u jbigħ is-sit billi jindika li l-ispejjeż relatati kienu għolja u li ma kien hemm l-ebda mudell kummerċjali alternattiv biex imexxi s-sit.

(3) Minħabba din is-sitwazzjoni, fit-8 ta' Ottubru 2013, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri qablu bi ftehim komuni dwar l-arranġamenti biex jiġi ospitat is-CEPOL li skonthom is-CEPOL ser jiġi ospitat f'Budapest hekk kif jimxi minn Bramshill. Dan il-ftehim għandu jiġi inkorporat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI.

(4) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda, fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, dawn l-Istati Membri mhumiex qed jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhumiex marbutin bih jew soġġetti għall-applikazzjoni tiegħu.

JEW

(5) Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dawk l-Istati Membri nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jipparteċipaw fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(6) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qiegħda tipparteċipa fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta minnu jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

[1] ĠU C …

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI hija b'dan emendata kif ġej:

L-Artikolu 4 Sede għandu jaqra kif ġej:

"Is-sede tas-CEPOL għandha tkun f'Budapest, l-Ungerija.".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika minn (…) 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi …, …

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| … | … |

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** [1]

**L-10 ta' Diċembru 2013**

(2013/C 361/03)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3750 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,5039 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 141,35 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4604 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4604 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,6605 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,83645 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,6529 |
| SEK | Krona Żvediża | 8,9897 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,7181 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2214 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 444,26 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 14,1808 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,4015 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,3486 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,6425 |
| CZK | Krona Ċeka | 27,453 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 16 371,02 |
| HUF | Forint Ungeriż | 300,79 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,4094 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 60,837 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7031 | RUB | Rouble Russu | 44,9962 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,1825 | THB | Baht Tajlandiż | 44,099 |
| RON | Leu Rumen | 4,4525 | BRL | Real Brażiljan | 3,1759 |
| TRY | Lira Turka | 2,7902 | MXN | Peso Messikan | 17,6749 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 83,9149 |

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

*(Avviżi)*

## PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Sejħa għal proposti skont il-programm ta' ħidma annwali għall-2013 għal għotjiet fil-qasam tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) għall-perjodu 2007-2013**

**(Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 1029 kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 8744)**

(2013/C 361/04)

Id-Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport tal-Kummissjoni Ewropea b'dan qed iniedi sejħa għal proposti sabiex jingħataw għajnuniet finanzjarji għal proġetti skont il-prijoritajiet u l-għanijiet iddefiniti fil-programm ta' ħidma annwali emendat għal għotjiet fil-qasam tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport għall-2013.

L-ammont massimu disponibbli skont din is-sejħa għal proposti huwa ta' EUR 70 miljun.

Il-proposti jridu jitressqu **sas-17 ta' Marzu 2014.**

It-test sħiħ tas-sejħa għal proposti huwa disponibbli fuq:

http://tentea.ec.europa.eu/en/apply_for_funding/follow_the_funding_process/calls_for_proposals_2013.htm

**Sejħiet għal proposti skont il-programm ta' ħidma pluriennali għall-2013 għal għotjiet fil-qasam tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) għall-perjodu 2007-2013**

**(Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 1675 kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 8755)**

(2013/C 361/05)

Id-Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport tal-Kummissjoni Ewropea b'dan qed iniedi ħames sejħiet għal proposti, skont il-programm ta' ħidma pluriennali għan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) għall-perjodu 2007-2013, sabiex jingħataw għajnuniet finanzjarji għall-oqsma li ġejjin:

— Azzjonijiet dwar Proġetti Prijoritarji (PPs) – l-ammont indikattiv disponibbli għall-proposti magħżula huwa ta' EUR 50 miljun.

— Awtostradi tal-Baħar (MoS) – l-ammont indikattiv disponibbli għall-proposti magħżula huwa ta' EUR 80 miljun.

— Sistemi Ewropej tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS) – l-ammont indikattiv disponibbli għall-proposti magħżula huwa ta' EUR 70 miljun.

— Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) – l-ammont indikattiv disponibbli għall-proposti magħżula huwa ta' EUR 30 miljun.

— Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (ITS) – l-ammont indikattiv disponibbli għall-proposti magħżula huwa ta' EUR 50 miljun.

Il-proposti jridu jitressqu **sas-17 ta' Marzu 2014**.

It-testi sħaħ tas-sejħiet għal proposti huma disponibbli fuq:

http://tentea.ec.europa.eu/en/apply_for_funding/follow_the_funding_process/calls_for_proposals_2013.htm

**Sejħiet għal proposti u attivitajiet relatati taħt il-programmi ta' ħidma 2014-2015 taħt l-inizjattiva Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u taħt il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkumplementa l-Orizzont 2020**

(2013/C 361/06)

B'dan qed jingħata avviż tat-tnedija ta' sejħa għal proposti u attivitajiet marbuta taħt il-programmi ta' ħidma 2014-2015 taħt l-inizjattiva Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u taħt il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkumplementa l-Orizzont 2020.

Il-Kummissjoni adottat permezz tad-Deċiżjonijiet C(2013) 8563 tal-10 ta' Diċembru 2013, C (2013) 8631 tal-10 ta' Diċembru 2013 u C (2013) 8632 tal-10 ta' Diċembru 2013 tliet programmi ta' ħidma li jinkludu sejħiet għal proposti u attivitajiet marbuta.

Dawn huma soġġetti għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020), ir-Regolament li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni u t-tixrid u r-Regolament tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkumplementa l-Orizzont 2020 mill-awtorità leġiżlattiva mingħajr modifiki sinifikanti. Huma wkoll soġġetti għal opinjoni pożittiva jew nuqqas ta' oġġezzjoni mill-kumitati stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Orizzont 2020 u bir-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika kif ukoll id-disponibilità tal-approprjazzjonijiet previsti fl-abbozz tal-baġit għall-2014 wara l-adozzjoni tal-baġit għall-2014 mill-awtorità baġitarja jew jekk il-baġit ma jiġix adottat kif previst fis-sistema ta' wieħed minn kull tnax-il parti provviżorja. Barra minn hekk, il-programm ta' ħidma fir-rigward tal-għan speċifiku "It-tisħiħ tar-riċerka fil-fruntiera tal-għarfien, permezz tal-attivitajiet tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka" se jkun soġġett għal opinjoni formali tal-Kunsill Xjentifiku ġdid li se jkun is-suċċessur tal-Kunsill Xjentifiku stabbilit bid-Deċiżjoni 2007/134/KE. Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tikkanċella jew tagħmel rettifika għas-sejħa.

Il-konferma li dawn id-dispożizzjonijiet tlestew se titħabbar fuq il-websajt tal-Portal tal-Parteċipanti tal-Kummissjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/research/participants/portal).

Dawn il-programmi ta' ħidma, inkluż id-data tal-għeluq u l-baġit għall-attivitajiet, huma disponibbli permezz tal-Portal tal-Parteċipanti msemmija hawn fuq flimkien ma' informazzjoni dwar il-modalitajiet tas-sejħiet u attivitajiet relatati, u l-gwida għall-applikanti dwar kif għandhom iressqu l-proposti. Din l-informazzjoni kollha se tiġi aġġornata kif meħtieġ fuq l-istess Portal tal-Parteċipanti.

Il-proposti jistgħu jiġu sottomessi f'dan l-istadju biss fir-rigward ta' suġġetti mmarkati "2014" fis-sejħiet għal proposti li jidhru fuq il-Portal tal-Parteċipanti. L-informazzjoni dwar meta l-proposti jistgħu jitressqu fir-rigward ta' suġġetti immarkat "2015" se tkun provduta fi stadju ulterjuri.

# ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel**

(2013/C 361/07)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

DOKUMENT UNIKU

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel** ([2])

**"TØRRFISK FRA LOFOTEN"**

**Nru tal-KE: NO-PGI-0005-01054-09.11.2012**

**IĠP ( X ) DPO ( )**

1. **Isem**

"Tørrfisk fra Lofoten"

2. **Stat Membru jew Pajjiż Terz**

In-Norveġja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi.1.7: Ħut frisk, molluski u krustaċji u l-prodotti dderivati minnhom

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1)*

Tørrfisk fra Lofoten huwa bakkaljaw tal-Atlantiku (*Gadus morhua*) imnixxef b'mod naturali minn Lofoten. Id-denominazzjoni tinkludi ħut imnixxef li jissodisfa r-rekwiżiti għall-klassifikazzjoni tal-istandard Industrijali Norveġiż għall-klassifikazzjoni ta' ħut imnixxef, NBS 30-01.

Tørrfisk fra Lofoten għandu jkollu kontenut ta' ilma ta' bejn 16 % u 27 %, kontenut ta' proteini ta' bejn 68 % u 78 %, u kontenut ta' xaħam ta' madwar 1 %. Tørrfisk fra Lofoten għandu togħma u aroma ikkonċentrata ta' ħut, ġilda b'lewn dehbi u daqs ta' bejn 40 cm u 90 cm.

3.3. *Materja prima (għal prodotti pproċessati biss)*

Tørrfisk fra Lofoten għandu jiġi manifatturat minn bakkaljaw tal-Atlantiku maqbud miż-żoni ta' Lofoten u Vesterålen minn Jannar sa April. F'dak iż-żmien, bakkaljaw matur tal-ilmijiet polari kesħin tal-Baħar ta' Barents ipassi lejn il-baħar ħdejn Lofoten u Vesterålen biex joqroq. Iż-żona tas-sajd hija dik

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Sostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

ta' bejn Ø 010°00′ sa Ø 016°08′ u N 67°00′ sa N 69°30′ fiż-żoni ICES li ġejjin; żona 05: 02, 07, 08, 09, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 18, 19, 20, 21, 22, 23, 24 u oħrajn tal-25, żona 04: 03, 04, 10, 46, 47, 48. Ħut li jinqabad f'din iż-żona għandu struttura differenti minn dik tal-ħut tal-baħar fond, b'mod partikolari laħam b'tessuti muskulari riżultat ta' migrazzjoni twila, li jagħtih karatteristika essenzjali biex ikun jiflaħ għall-proċess tat-tnixxif. Għas-sajjieda li jistadu mal-kosta d-distanza għas-sajd hija qasira, u b'hekk il-ħut jista' jinqabad u jitwassal fejn meħtieġ fl-istess ġurnata. Dan huwa importanti għall-kwalità tal-ħut.

3.4. *Għalf (għal prodotti li joriġinaw mill-annimali biss)*

—

3.5. *Stadji speċifiċi tal-produzzjoni li għandhom isiru fiż-żona ġeografika identifikata*

Tørrfisk fra Lofoten għandu jitnixxef b'mod naturali u jintgħażel f'Lofoten.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-taħkik, l-ippakkjar, eċċ.*

—

3.7. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

—

4. **Deskrizzjoni qasira taż-żona ġeografika**

Ħut għall-produzzjoni ta' Tørrfisk fra Lofoten għandu jinqabad viċin ta' Lofoten u Vesterålen bejn Ø 010°00′ sa Ø 016°08′ u N 67°00′ sa N 69°30′ fiż-żoni ICES li ġejjin; żona 05: 02, 07, 08, 09, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 18, 19, 20, 21, 22, 23, 24 u oħrajn tal-25, żona 04: 03, 04, 10, 46, 47, 48., għandu jitwassal f'faċilità għall-ħatt f'Lofoten, u jitnixxef b'mod naturali u jintgħażel f'Lofoten. Lofoten tinkludi magħha l-muniċipalitajiet ta' Flakstad, Moskenes, Røst, Vestvågøy, Værøy u Vågan.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

5.1. *L-ispeċifiċità taż-żona ġeografika*

Il-baħar ta' madwar Lofoten u Vesterålen huwa fost iż-żoni tas-sajd l-aktar rikki fid-dinja, u s-sajd ta' Lofoten huwa l-aktar tip ta' sajd staġjonali importanti għall-bakkaljaw fin-Norveġja.

Il-merluzz tal-Atlantiku jqatta' l-biċċa l-kbira ta' ħajtu fil-Baħar ta' Barents, iżda fil-perjodu ta' bejn Jannar u April ipassi lejn il-baħar viċin Lofoten u Vesterålen biex ibid. Minħabba t-temperatura u l-aċċess għall-ikel fil-baħar f'dak il-perjodu tas-sena, il-kondizzjonijiet għat-tfaqqis f'din iż-żona huma ferm favorevoli.

Il-baħar madwar Lofoten u Vesterålen minn dejjem kien l-aktar sit importanti għar-riproduzzjoni għall-merluzz tal-Atlantiku. Hawnhekk il-blata kontinentali hija dejqa, u mhux ħafna 'l bogħod mill-kosta jgħaddi fluss ta' ilma mogħni b'ħafna nutrijenti. Dan joħloq l-aqwa kundizzjonijiet possibbli għat-tkabbir u l-għixien.

L-influss enormi ta' merluzz tal-Atlantiku lejn iż-żona ġeografika jseħħ eżatt fil-perjodu meta l-kundizzjonijiet klimatiċi huma speċjalment adattati għat-tnixxif naturali.

Il-pożizzjoni ta' din iż-żona, li tgawdi mill-influwenzi tal-Kurrent tal-Golf, toffri kundizzjonijiet partikolarment favorevoli għat-tnixxif naturali tal-ħut u hija essenzjali għall-kwalità finali tat-Tørrfisk fra Lofoten. Minħabba l-Kurrent tal-Golf, ix-Xitwa minn Jannar sa April f'Lofoten hija waħda moderata b'temperatura medja ta' bejn – 0,8 u + 2,2 °C, u r-Rebbiegħa hija waħda niexfa, bi preċipitazzjoni ta' xita ta' bejn 132 u 108 mm. Dawn il-kundizzjonijiet klimatiċi huma prekundizzjoni biex il-ħut jinxef kif suppost minflok jiffriża jew jiddekomponi.

L-għarfien dwar il-klassifikazzjoni huwa essenzjali għall-kwalità tal-prodott finali. Il-klassifikazzjoni teħtieġ għarfien fid-dettall, u ssir mill-hekk imsejħa "discarders". Storikament, dik tal-valutazzjoni tal-kwalità hija ħila u kapaċità li ntirtet minn ġenerazzjoni għall-oħra f'familji u/jew kumpaniji. Fl-imgħoddi, il-persuni li kienu jikklassifikaw il-prodott finali kienu jiġu mħarrġa mill-kumpanija li kienu assoċjati magħha, iżda dan l-aħħar ġie stabbilit taħriġ fit-teorija għall-industrija għal persuni li jokkupaw dan ir-rwol. It-taħriġ fit-teorija jingħata flimkien ma' taħriġ prattiku f'kumpanija tal-manifattura tal-ħut imnixxef.

L-għarfien speċjalizzat fil-manifattura u fir-rigward tal-ħtiġijiet tas-suq ukoll ġew mgħoddija minn ġenerazzjoni għall-oħra skont it-tradizzjoni f'Lofoten.

Dan l-għarfien huwa essenzjali sabiex jinkiseb Tørrfisk fra Lofoten ta' kwalità tajba.

5.2. *L-ispeċifiċità tal-prodott*

Tørrfisk fra Lofoten huwa magħmul minn bakkaljaw tal-Atlantiku (*Gadus morhua*) matur imnixxef b'mod naturali, li jiġi mnaddaf u li titneħħilu rasu. It-tnixxif b'mod naturali jippreżerva l-ħut u jistaġjunah, prinċipalment bħala riżultat tat-tnaqqis konsiderevoli tal-kontenut tal-ilma. Dan jagħtih durabilità u kontenut nutrittiv għoli, pereżempju kontenut għoli ta' proteini ta' bejn 68 % u 78 % meta mqabbel mat-18 % li fih il-laħam tal-bakkaljaw frisk. Il-ħut ikun lest mit-tnixxif meta joħroġ "il-ħoss tal-ħuta" mixtieq meta wieħed itektku. Il-ħoss għandu jkun dak ta' 'klikk', u għandu jkun solidu u qawwi. Sabiex ikun jista' jivvaluta l-"ħoss tal-ħuta" korrett, wieħed irid ikollu għarfien tajjeb u esperjenza twila.

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew karatteristika speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra tal-prodott (għall-IĠP)*

Ir-rabta hija bbażata fuq il-karatteristiċi tal-prodott li jirriżultaw mill-oriġini ġeografika tiegħu.

Tradizzjoni:

It-tnixxif tal-ħut b'mod naturali ilu jsir f'Lofoten sa mill-bidu tas-seklu tnax, u huwa parti importanti mill-wirt Norveġiż. L-għarfien dwar it-tnixxif u l-klassifikazzjoni intiret minn ġenerazzjoni għall-oħra f'Lofoten. Il-ħut imnixxef kien u għadu prodott ta' esportazzjoni Norveġiż importanti.

Karatteristiċi li jirriżultaw mill-oriġini ġeografika:

Il-migrazzjoni twila tal-ħut mill-ilmijiet ta' temperatura kiesħa tal-Baħar ta' Barents lejn Lofoten u Vesterålen twassal biex il-ħut ikun irqiq u jkollu laħam sod b'tessuti muskulari. Materja prima ta' kwalità bħal din hija essenzjali fir-rigward tat-tolleranza għall-proċess ta' tnixxif.

It-temperatura, ix-xita, ir-riħ, ix-xemx u l-borra huma kollha fatturi essenzjali għall-proċess tat-tnixxif, u jagħmlu minn din iż-żona ġeografika waħda partikolarment tajba għat-tnixxif tal-ħut. It-temperatura taż-żona ġeografika tiżgura li l-ħut jinxef, u li ma jiffriżax jew jiddekomponi. Livelli xierqa ta' xita, flimkien ma' rjieħ kostali, jirriżultaw f'kundizzjonijiet tajba għat-tnixxif naturali. Barra minn hekk, ir-rifless tax-xemx fuq il-borra li jkun hemm mal-art jagħti lewn dehbi lill-ħut. Il-proċess tat-tnixxif jagħti l-konsistenza speċjali u t-togħma u l-aroma kkonċentrati lill-ħut imnixxef.

Flimkien mal-materja prima ta' kwalità għolja li tintuża, il-klima hija essenzjali għall-kwalità finali tat-Tørrfisk fra Lofoten. Lofoten huwa l-uniku post fid-dinja fejn wieħed isib din it-tip ta' klima u fejn fl-istess ħin hemm ukoll aċċess għal bakkaljaw matur ta' kwalità għolja.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni**

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 ([3]))

http://www.lovdata.no/for/sf/ld/xd-20071211-1814.html

---

([3]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 2.

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill dwar l-iskemi tal-kwalità għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel**

(2013/C 361/08)

Din il-pubbblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

DOKUMENT UNIKU

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel** ([2])

**"PREKMURSKA ŠUNKA"**

**Nru tal-KE: SI-PGI-0005-01025-10.08.2012**

**IĠP ( X ) DPO ( )**

1. **Isem**

"Prekmurska šunka"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**

Is-Slovenja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajra, immellħa, affumikati, eċċ.)

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1)*

Il-"Prekmurska šunka" huwa prodott tal-laħam affumikat u mnixxef miksub minn sieq ta' wara friska tal-majjal. Huwa għandu (qatgħa) forma ta' lanġasa li tintgħaraf, b'ġilda ta' kulur uniformi aħmar li jagħti fil-kannella. It-togħma u r-riħa karatteristiċi tiegħu, il-kulur aħmar rubin tal-laħam tal-muskolu mmaturat u affumikat u l-kulur uniformi abjad kremuż tax-xaħam ta' taħt il-ġilda jiżviluppaw matul perjodu ta' maturazzjoni ta' mill-inqas sitt xhur. Il-laħam tal-muskolu huwa kemxejn imraħħam u integrat sew fix-xaħam, u l-ħxuna tiegħu hija mill-anqas 10 mm taħt il-ġog tal-ġenb. Affumikazzjoni pjaċevoli hija karratteristika li tinħass sew tar-riħa u t-togħma, għalkemm fl-ebda każ il-komponenti tad-duħħan ma jostru l-aroma tal-laħam immaturat. Minħabba fil-perjodu twil mhux ħażin ta' maturazzjoni, il-perżut għandu sensazzjoni delikata, lixxa u pjaċevolment sukkulenti.

Il-kontenut tal-melħ tal-prodott lest m'għandux jeċċedi 9 %, il-grad tat-tnixxif (telf ta' piż matul il-maturazzjoni) m'għandux jeċċedi 45 %, u l-piż ma jistax ikun inqas minn 2,75 kg.

3.3. *Materja prima (għal prodotti pproċessati biss)*

Sieq ta' wara friska tal-majjal, maqtugħa f'biċċa sħiħa minn 3 sa 4 cm taħt il-ġog tal-ġenb (*caput ossis femoris*), mingħajr is-sieq, l-għadam tal-ġog tal-ħokk, il-pelvi, l-għadma tal-koxxa u l-qasba tas-sieq, bil-punt karatteristiku tal-ħokk. Qatgħa trasversali tipika hija magħmula mill-muskoli u l-gruppi ta' muskoli li ġejjin, flimkien mal-ġilda u x-xaħam ta' taħt il-ġilda: il-kustilja tal-flett (*m. biceps femoris u semitendinosus*), l-għolja tal-koxxa (*m. semimembranosus*), l-għaksa (*m. quadriceps femoris*) u parti mill-warrani (*m. gluteus medius* and *gluteus superficialis*). Il-piż tas-sieq ta' wara sħiħa tal-majjal wara li tiġi ffurmata fil-qatgħa definita u qabel ma tiġi mmellħa ma tistax tkun anqas minn 5 kg.

3.4. *Għalf (għal prodotti li joriġinaw mill-annimali biss)*

—

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

([2]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Sostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

3.5. *Passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jitwettqu fiż-żona ġeografika ddefinita*

L-istadji kollha tal-produzzjoni tal-"Prekmurska šunka", mill-iffurmar, għat-tmellieħ, it-tlaħliħ u t-tnixxif, l-affumikazzjoni, il-maturazzjoni u l-kejl tal-grad tat-tnixxif (telf ta' piż) u t-tixħim (gradwali) sal-ispezzjoni tal-kwalità tal-prieżet sħaħ immaturati għandhom isiru fiż-żona ġeografika ddefinita.

Iffurmar – kull sieq ta' wara tal-majjal li se tintuża biex jiġi prodott il-"Prekmurska šunka" għandha tiġi ffurmata fil-qatgħa adattata.

It-tmellieħ – saqajn iffurmati u mkessħa jew jiġu mmelħa fin-niexef jew inkella mhux fin-niexef, jew b'metodu li jikkombina t-tnejn.

Tlaħliħ u tnixxif – wara li jiġi mmellaħ, is-saqajn jiġu mlaħalħa f'ilma ġieri kiesaħ. Il-wiċċ imbagħad jitqattar (jiġi mnixxef), u s-saqajn jiġu mdendla fi spazju b'ventilazzjoni tajba.

Affumikazzjoni – wara li l-wiċċ tas-saqajn immellħa jkun nixef, dawn jiġu affumikati fi kmamar tad-duħħan li jużaw injam iebes u ċana. Ladarba l-affumikazzjoni titlesta, is-saqajn jiġu ttimbrati b'lowgow li jinkludi l-kliem "Prekmurska šunka".

Maturazzjoni – il-prieżet jiġu mmaturati fi kmamar tal-maturazzjoni li jew ikollhom arja kundizzjonata naturali jew kumbinazzjoni ta' arja kundizzjonata naturali u artifiċjali. Il-proċess ta' maturazzjoni jdum għaddej għal mill-inqas sitt xhur.

Il-kejl tal-grad tat-tnixxif (telf ta' piż) – il-grad tat-tnixxif (telf ta' piż matul il-maturazzjoni) m'għandux ikun aktar minn 45 %.

It-tixħim (gradwali) – il-parti tal-prieżet li mhijiex koperta bil-ġilda u x-xaħam tiġi mxaħħma fi stadji, l-ewwel meta l-prieżet ikunu tilfu madwar 25 % tal-piż tagħhom matul il-maturazzjoni u fl-aħħar nett meta jkunu laħqu grad ta' tnixxif ta' 45 % . Huwa jiġi ggriżjat b'taħlita ta' xaħam, dqiq u ħwawar.

Spezzjoni tal-kwalità ta' prieżet sħaħ immaturati – wara li jkunu ilhom jimmaturaw għal sitt xhur, il-prieżet jgħaddu minn analiżi sensorja biex jiġi stabbilit jekk għandhomx l-apparenza jew ir-riħa esterna adattata. Prieżet li ma jkunux issodisfaw il-kriterji preskritti kollha għall-indikazzjoni ġeografika protetta jiġu rreġistrati; it-timbru tagħhom jitneħħa u jiġi eskluż.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, il-ħakk, l-ippakkjar, eċċ.*

—

3.7. *Regoli speċifiċi dwar l-ittikkettar*

Il-forom li fihom jiġi kkummerċjalizzat il-"Prekmurska šunka" huma ttikkettati b'logo li jinkludi l-inskrizzjoni "Prekmurska šunka", il-kliem "zaščitena geografska označba" (indikazzjoni ġeografika protetta) u s-simbolu korrispondenti tal-UE.

## 4. **Definizzjoni konċiża taż-żona ġeografika**

Il-"Prekmurska šunka" huwa prodott fiż-żona ġeografika ta' Prekmurje, fil-Grigal tas-Slovenja. Iż-żona tal-produzzjoni hija mdawra bix-Xmara Mura u l-fruntieri nazzjonali tas-Slovenja mal-Awstrija, l-Ungerija u l-Kroazja.

## 5. **Rabta maż-żona ġeografika**

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

Il-"Prekmurska šunka" huwa prodott fi Prekmurje, li tinsab fil-Baċir Pannonjan. Din il-parti tas-Slovenja għandha klima kontinentali, bi xtiewi kiesħa u bi nżul tax-xita, u sjuf sħan u niexfa. Iż-żona tirċievi livell għoli ta' xemx u, f'termini ta' nżul ix-xita annwali medja, hija l-aktar parti niexfa tas-Slovenja. L-umdità fl-arja hija ddeterminata mill-irjieħ li fi Prekmurje huma influwenzati mill-pożizzjoni taż-żona fuq pjanura kontinentali, fejn ir-riljev baxx ma jipprovdi l-ebda barriera għall-fluss ġenerali tal-arja, kif inhuwa l-każ f'partijiet oħra tas-Slovenja. Minħabba li tinsab fuq pjanura, l-inverżjonijiet huma rqaq u jixterdu aktar malajr, għalhekk il-ventilazzjoni tal-atmosfera tinżel sal-livell tal-art aktar malajr u jkun hemm inqas ċpar. Fix-xitwa, in-nuqqas ta' inverżjonijiet ta' temperatura jfisser li l-arja hija aktar niexfa f'żoni bl-għoljiet aktar milli fuq il-pjanura. Karatteristika speċjali ta' Prekmurje hija l-Grigalata, li tibda tonfoħ filwaqt li front jgħaddi minn fuqha, u r-riħ mil-Lbiċ li jiġi qabilha.

L-avanzi magħmula f'termini tal-firxa, reputazzjoni u żvilupp kurrenti fil-produzzjoni tal-perżut fi Prekmurje jistgħu jiġu attribwiti għat-tekniki tradizzjonali u individwali użati mill-bdiewa. It-tnixxif tal-biċċiet tal-laħam probabbilment jiddataw lura għaż-żmien meta Prekmurje bdiet tiġi abitata min-nies. Fl-aħħar seklu, il-bdiewa għamlu użu sħiħ mill-karatteristiċi arkitettorali tal-irziezet, li nbnew minn materjal magħmul mit-tajn jew tafal u kienu jkunu koperti b'saqaf tat-tiben, għall-iskopijiet ta' affumikazzjoni u maturazzjoni tal-laħam. F'dan il-bini, id-duħħan mill-forn tal-ħobż kien jitla' b'mod naturali u jakkumula taħt is-saqaf tat-tiben, fejn il-"Prekmurska šunka" kien jiġi affumikat u mnixxef b'mod ibbilanċjat. Il-passaġġ tad-duħħan lejn il-laħam kien twil biżżejjed biex id-duħħan jilħaq jibred, u għalhekk din kienet tip ta' affumikazzjoni kiesħa. Fit-tieni nofs tas-seklu li għadda, l-affumikazzjoni tal-laħam xaqilbet lejn affumikaturi fuq l-irziezet improvizzati, jiġifieri strutturi tal-ġebel iżolati f'ġonna jew btieħi li ħafna drabi kellhom erba' naħat jew erba' bibien ħalli tkun tista' tgħaddi żiffa bejn ix-xquq, u dan kien iżomm it-temperatura tad-duħħan milli tiżdied u l-laħam milli jissajjar. Il-prieżet kienu jiġu mmaturati għal diversi xhur, skont id-daqs tagħhom u l-kundizzjonijiet tat-temp matul l-istadji kollha tal-produzzjoni. Il-metodu ta' produzzjoni attwali tal-"Prekmurska šunka" f'faċilitajiet mgħammra b'mod teknoloġiku rnexxielu jżomm il-kwalità organolettika, u jista' jiġi mqabbel bis-sħiħ ma' tekniki tradizzjonali tal-biedja. Din il-kumparabbiltà hija possibbli prinċipalment minħabba li huma l-metodi tal-ħidma li ġew immodernizzati aktar milli t-tekniki li nbidlu, minħabba li kieku dan kien jirriżulta fi proċessi bijokimiċi differenti matul il-maturazzjoni tal-laħam. Il-"Prekmurska šunka" minn dejjem kien aspett tal-mejda għal kull avveniment importanti u meta jaslu l-mistednin. Kien apprezzat b'mod speċjali bħala ikel matul operazzjonijiet maġġuri tal-biedja, meta kien hemm bżonn li jiġi servit aktar ikel lill-bdiewa u lill-ħaddiema. Illum il-ġurnata jiġi kkunsmat f'okkażjonijiet speċjali tal-familja jew festivi, u huwa karatteristika essenzjali taċ-ċerimonji formali.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott*

Il-"Prekmurska šunka" għandu forma ta' lanġasa unika (qatgħa). Huwa kkaratterizzat bil-wiċċ tal-ġilda tiegħu li huwa uniformement ħamrani fil-kannella u għandu aroma affumikata pjaċevoli li tinħass sew, għalkemm fl-ebda każ il-komponenti tad-duħħan ma jostru l-aroma tal-laħam immaturat. Karatteristiċi tal-"Prekmurska šunka" huma l-kulur aħmar li jolqot l-għajn tal-laħam immaturat, l-imluħa pjuttost aktar qawwija tiegħu, u s-sensazzjoni x'aktarx soda tiegħu.

Il-mod ta' kif jiġi servit il-"Prekmurska šunka" ukoll jiddistingwih minn laħmijiet imnixxfa oħra. Skont użanza antika, il-perżut jista' jinqata' f'biċċiet li huma ħoxnin ċentimetru. Flimkien mal-ħobż u l-biċċiet tal-perżut, kulħadd jirċievi sikkina li biha jaqta' l-biċċa tiegħu fi strixxi rqaq fuq bord tal-injam.

Minħabba t-tradizzjoni assoċjata mal-produzzjoni tiegħu u meta wieħed iħares lejn il-profil tiegħu, il-"Prekmurska šunka" huwa meqjus bħala wieħed mill-karatteristiċi speċifiċi etnoloġiċi ta' Prekmurje.

5.3. *Rabta takawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristika oħra tal-prodott (għall-IĠP)*

Kundizzjonijiet favorevoli klimatiċi, tradizzjoni, kapaċitajiet tal-produzzjoni, sengħa u esperjenza ikkontribwixxew għar-reputazzjoni tal-"Prekmurska šunka", li jista' jiġi meqjus bħala speċjalità Slovena u karatteristika speċifika etnoloġika ta' Prekmurje. L-ikel ta' Prekmurje jibqa' jżomm l-identità tiegħu stess. In-nies ta' Prekmurje dejjem żammew rabta mal-kampanja u r-riżorsi natural għall-produzzjoni ta' ikel u ikel delizzjuż tradizzjonali. Matul is-sekli, dejjem kien hemm predominanza ta' kwalitajiet ta' ikel magħmula miċ-ċereali, il-patata, il-qamħirrun u l-majjal. Il-majjal kien jipprovdi varjetà għal dak li kienu jieklu n-nies. Madankollu, il-laħam kien jittiekel anqas milli jittiekel illum il-ġurnata. Kien jiġi ppreżervat bl-affumikazzjoni, li wasslet għall-ħolqien tal-"Prekmurska šunka". Għalhekk matul iż-żminijiet, kapaċitajiet tekniċi prattiċi evolvew fost in-nies lokali, inklużi l-livelli għoljin ta' snajja' u ta' għarfien prattiku u esperjenza, li jagħtu lill-prodott il-forma (qatgħa) karatteristika tiegħu u l-attribuzzjonijiet organolettiċi tiegħu.

Ir-reputazzjoni tal-"Prekmurska šunka" tirriżulta minn diversi sorsi. Prof. Dr. Vilko Novak wettaq l-aktar riċerka estensiva u sistematika dwar x'jieklu n-nies ta' Prekmurje (*Ljudska prehrana v Prekmurju*, 1947). L-istudju ddeskriva l-*koline*, jiġifieri l-proċess tat-tħejjija u l-maturazzjoni tal-"Prekmurska šunka". Dr Stanislav Renčelj jiddeskrivi l-"Prekmurska šunka" fil-kotba tiegħu li jisimhom *Suhe mesnine – narodne posebnosti* (1990) u *Prekmurske dobrote* (S. Renčelj, R. Karas, 2001), li fihom huma ppreżentati t-teknika tal-produzzjoni, mill-għażla tal-materja prima, it-tmelliħ u l-maturazzjoni għall-evalwazzjoni sensorja tal-prodott.

F'pubblikazzjonijiet għat-turisti bħal *Okusiti Slovenijo u Spomini iz Slovenije*, il-"Prekmurska šunka" huwa wkoll ippreżentat bħala prodott tradizzjonali Sloven.

**Referenza għal pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni**

(Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 ([3]))

http://www.mko.gov.si/fileadmin/mko.gov.si/pageuploads/podrocja/Varna_in_kakovostna_hrana_in_krma/zasciteni_kmetijski_pridelki/Specifikacije/PREKMURSKA_SUNKA.pdf

---

([3]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 2.

EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT